**25 ta' Ottubru, 1985**

**Imħallef:**

**Onor. Stephen Borg Cardona, B.A., LL.D.**

Tabib Dottor Raymond Fenech

*versus*

Spiridione Camenzuli

## Proċedura Sommarja Speċjali - Irregolarità ta' l-Użu ta' din il-Proċedura.

*Il-proċedura sommarja speċjali li għażel li juża l-attur - meta kien jaf li kien hemm kontestazzjoni tat-talba attriċi da parti tal-konvenut - hija irregolari. Dan jagħti lok għal-liberazzjoni tal-konvenut mill-osservanza tal-ġudizzju.*

Il-Qorti:-

Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni; Premess illi l-konvenut għandu jagħti lill-attur is-somma ta' tliet mija u għoxrin lira Maltija (Lm320) kif ammetta hu stess fid-dikjarazzjoni minnu ffirmata (Dok. A); Premess illi l-konvenut, għalkemm interpellat biex iħallas, baqa' inadempjenti; Premess illi dan id-debitu huwa ċert, likwidu u dovut, u fil-fehma ta' l-attur, il-konvenut m'għandux eċċezzjonijiet x'jagħti; Talab li dina l-Qorti (1) tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur, is-somma ta' tliet mija u għoxrin lira Maltija (Lm320) dovuta lilu kif ammetta bil-miktub l-istess

konvenut; (2) tiddeċidi din il-kawża, *ai termini* tal-artikolu 167 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili bid-dispensa tas-smigħ għar-raġunijiet indikati fid-dikjarazzjoni ġuramentata ta' l-attur (Dok. B); Bl-imgħax legali u bl-ispejjez inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali tat-28 ta' Jannnar, 1985, kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur (fol. 3) u n-nota tax-xhieda tiegħu u d-dokument esebit;

Rat l-affidavit maħluf mill-attur (fol. 5);

Rat li l-konvenut deher fis-seduta tal-20 ta' Frar, 1985 u kkontesta t-talba u li l-Qorti tagħtu 20 (għoxrin) ġurnata żmien biex jippreżenta n-nota ta' l-eċċezzjonijiet tiegħu;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut fejn qal li (1) fl-ewwel lok l-irregolarità tal-proċedura bil-giljottina, stante li l-attur kien jaf minn qabel li l-pretenzjoni tiegħu hija kkontestata permezz ta' ittra legali lilu mibgħuta sew qabel il-preżentata taċ-ċitazzjoni u b'dana kollu huwa xorta ħalef li sa fejn jaf hu ma kienx hemm kontestazzjoni da parti tal-konvenut;

*Omissis;*

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut, il-lista tax-xhieda tiegħu u d-dokument esebit minnu;

Rat il-verbal tas-17 ta' Mejju, 1985;

Ikkunsidrat:

Illi l-ewwel ma għandhom jiġu deċiżi huma l-eċċezzjonijiet

dwar l-irritwalità tal-proċedura bil-giljottina, cjoè dik ikkontemplata fl-artikolu 167, 168 u 169 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili;

Illi din il-proċedura sommarja, il-liġi tagħtiha biss f'każijiet speċjali u l-attur għandu jippresenta dikjarazzjoni bil-ġurament u jaħlef li fil-fehma tiegħu l-konvenut m'għandux eċċezzjonijiet x'jagħti kontra t-talba;

Li naturalment din id-dikjarazzjoni għandha tkun vera;

Illi mid-dokument X a fol. 10 tal-proċess, esebit mill-konvenut, li huwa ittra bonarja mibgħuta mill-konvenut lill-attur u ddatata 1 ta' Frar, 1985, fejn il-konvenut jirrespinġi l-pretenzjoni ta' l-attur dedotta minnu f'ittra uffiċjali tat-28 ta' Jannar, 1985, għax ma kienx minnu li għandu jagħtih is-somma hemm mitluba mill-attur, u jafferma li huwa kien biss issellef is-somma ta' Lm80 mingħand l-attur u li din kienet ġiet restitwita lill-attur, jidher li l-attur ma setax, ftit ġranet wara, jiddikjara bil-ġurament li l-konvenut ma kellux eċċezzjonijiet x'jagħti;

Għal dawn il-motivi, tilqa' l-ewwel eċċezzjonijiet tal-konvenut u tiddikjara li l-proċedura sommarja speċjali (bil-giljottina) li għażel li juża l-attur, fiċ-ċirkostanzi tal-każ u cjoè minħabba l-fatt li l-attur kien jaf li kien hemm kontestazzjoni tat-talba attriċi da parti tal-konvenut hija irregolari u għalhekk tillibera lill-konvenut mill-osservanza tal-ġudizzju. L-ispejjez jitħallsu mill-attur.